

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

aktivitā ta' pproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, bħall-produzzjoni tal-bakkaljaw immellaḥ, ta' bakkaljaw iffriżat u ta' bakkaljaw imlahlaḥ mill-melħ, ma tikkostitwixx aktivitā ta' pproċessar ta' prodotti agrikoli, li hija eskużha mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 651/2014 skont l-Artikolu 1(3)(c) ta' dan ir-regolament, iżda aktivitā li taqa' taħt is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, li hija eskużha mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament skont l-Artikolu 1(3)(a) tiegħu.

(¹) ĠU C 165, 19.4.2022.

Appell ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2022 minn Vtesse Harlow Ltd mid-digriet mogħti mill-Qorti ġGenerali (L-Ewwel Awla) fl-14 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-64/22, Vtesse Harlow vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-559/22 P)

(2023/C 54/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Vtesse Harlow Ltd (rappreżentant: H. Mercer KC)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

B'digriet tad-19 ta' Diċembru 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) ddeċidiet li l-appell għandu jinċaħad bħala manifestament infondat u li Vtesse Harlow Ltd għandha tbatil l-ispejjeż tagħha.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Latvja

(Kawża C-762/22)

(2023/C 54/18)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Tricot u I. Rubene)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Latvja

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tikkonstata li, billi ma adottatx, sa mhux iktar tard mis-6 ta' Frar 2018, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha neċċasjarji sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponenti għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (¹) jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Latvja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 106 ta' din id-direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Latvja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Konformement mal-Artikolu 106 tad-Direttiva 2013/59/Euratom, l-Istati Membri kellhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi neċċasjarji sabiex jikkonformaw ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mis-6 ta' Frar 2018. L-Istati Membri kellhom ukoll jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-direttiva.

Peress li r-Repubblika tal-Latvja la adottat u lanqas, fi kwalunkwe każ, ikkomunikat lill-Kummissjoni l-miżuri ta' traspożizzjoni kollha neċċesarji sabiex tikkonforma mad-Direttiva, il-Kummissjoni ddeċidiet, fid-29 ta' Settembru 2022, li tressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-konstatazzjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 258 TFUE, li r-Repubblika tal-Latvja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 106 ta' din id-direttiva.

(¹) ĠU 2014, L 13, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 72, p. 69 u fil-ĠU 2019, L 152, p. 128.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija

(Kawża C-769/22)

(2023/C 54/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ungjeriż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, K. Talabér-Ritz, L. Malferrari, J. Tomkin, aġenti)

Konvenut: L-Ungerija

Talbiet

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħgħobha:

Tiddikjara li, billi adottat l-a pedofil būnelkövetőkkel szembeni szigorúbb fellépésről, valamint a gyermeket védelme érdekében egyes törvények módosításáról szóló 2021. évi LXXIX. törvény (il-Liġi LXXIX tal-2021 li tadotta miżuri iktar stretti kontra persuni li nstabu ħatja ta' pedofilija u li temenda ġerti ligħejji għall-protezzjoni tat-tfal), l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea bil-modi li ġejjin:

(1)

- billi pprojbixxiet lit-tfal milli jkollhom aċċess għal kontenut li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-tweli, ir-riassenjament tas-sess jew l-omosesswalitā, l-Ungerija kisret l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31/KF tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ġerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarmen il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (¹) l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva 2006/123/KF tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (²) l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- billi pprojbixxiet lit-tfal milli jkollhom aċċess għal reklamar li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-tweli, ir-riassenjament tas-sess jew l-omosesswalitā, l-Ungerija kisret l-Artikolu 9(1)(c)(ii) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ġerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-ligħi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjobiżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjobiżiva) (³), l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31/KF dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-Artikoli 16 u 19 tad-Direttiva 2006/123/KF dwar is-Servizzi fis-Suq Intern, l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- billi imponiet fuq il-fornitura tas-servizzi tal-media li joffru servizzi tal-media linear l-obbligu li jikklassifikaw taħt il-Kategorija V il-programmi kollha li l-element essenziali tagħhom ikun li jippromwovi jew juri identitajiet tal-ġeneru li ma jikkorrispondux mas-sess assenjat mat-tweli, ir-riassenjament tas-sess jew l-omosesswalitā, u għaldaqstant li jxandru dawn il-programmi bejn l-22.00 u l-05.00, u billi eskludiet tali programmi minn klassifikazzjoni bħala media ta' interess pubbliku jew bħala reklamar li huwa ta' benefiċċju soċjali, l-Ungerija kisret l-Artikolu 6a(1) tad-Direttiva 2010/13/UE dwar is-Servizzi tal-Media Awdjobiżiva u l-Artikoli 1, 7, 11 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- billi imponiet fuq il-Kunsill tal-Media l-obbligu li jitlob li l-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni fuq il-fornitur tas-servizzi tal-media jadotta miżuri effettivi u jieħu azzjoni sabiex itemm il-ksur li nstab mill-Kunsill tal-Media, l-Ungerija kisret l-Artikoli 2 u 3(1) tad-Direttiva 2010/13/UE dwar is-Servizzi tal-Media Awdjobiżiva.